MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 33/2004

**Antonia u Angelo Muscat**

**vs**

**Emanuel Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' erba' mija tlieta u hamsin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm453.62c) danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fid-29 ta' Marzu 2003 fi Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, Ghawdex, bejn il-vettura Volvo bin-numru BGLR 70 misjuqa minnek u dik Citroen bin-numru EBC 285 proprjeta ta'Angelo Muscat u misjuqa minn Antonia Muscat – liema incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba sewqan traskurat da parti tieghek u minhabba

illi inti nqast illi zzomm ‘a proper look out’ u hbatt mal-istess vettura tal-atturi.

Jirrizulta ukoll illi minkejja dak illi inti ddikjarajt lill-Pulizija dakinhar, inti ma kontx kopert b’polza tas-sigurta’.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorja tal-25 ta’ Marzu 2004 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.”

Ra r-risposta u l-kontro-talba:

“Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita’ u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident de quo sar in konsegwenza ta’ imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservazzjoni kemm tal-Ligijiet tat-traffiku kif ukoll ordnijiet legittimi tal-pulizija da parti ta’ l-attrici Antonia Muscat.

Illi inoltre l-vettura tal-konvenut tal-marka Volvo bin-numru ta’ registrazzjoni BGLR 70 kienet ghadha gejja minn barra minn Malta u kienet koperta mill-*green card* debitament mahruga mill-awtoritajiet kompetenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.”

“Illi l-incident de quoe gara unikament tort u htija ta’ l-attrici Antonia Muscat li kienet hi l-kagun ta’ l-incident minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservazzjoni kemm tal-Ligijiet tat-traffiku kif ukoll ordnijiet legittimi tal-pulizija da parti ta’ l-istess attrici Antonia Muscat; Illi in konsegwenza ta’ dan l-incident il-konvenut sofra danni fil-vettura tieghu tal-marka Volvo numru ta’ registrazzjoni BGLR 70 ghall-ammont ta’ Euro 1,367.41 fl-ekwivalenti taghhom fl-Liri Maltin skond il-kambju kurrenti kif jirrizulta mill-anness dokument markat bhala dok. ‘EF 1’.

Jghidu ghalhekk l-atturi ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux jiddikjara lill-istess atturi unikament responsabbli ghal dan l-incident u jikkundannahom ihallsu d-danni kkagunati lill-konvenut.”

Ra r-risposta ghall-kontro-talba:

"1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut minhabba illi naqas illi josserva r-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi saq b'manjiera traskurata;

3. Illi ghalhekk l-attrici ma hix tenuta thallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal presuespost qed jigi kkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-konvenut bhala valur tad-danni subiti. Jigi senjalat inoltre illi dak illi huwa ipprezenta bhala ricevuta tad-danni sofferti minnu ma hija xejn ricevuta imma biss 'preventivo' u cjoe' stima, stima illi di piu' kienet balida biss ghal 15-il jum mid-data ta' meta inharget fit-13 ta' Mejju 2004. Huwa car u ovvju illi l-konvenut mar ottjena din l-istima unikament sabiex ikun jista' b'xi mod jissostanza il-pretensjonijiet tieghu.

5. Per konsegwenza tal-incident, illi del resto gara tort u htija tal-konvenut, it-truck tal-konvenut sofra biss 'slight damages' u l-esponenti jahsbu illi d-danni illi huwa issa qieghed jirreklama minghandhom kienu rizultat ta' incidenti ohra illi fihom kien involut l-istess tuck precedentement.

6. Id-danni reklamati mill-konvenut ma intwerewx lis-surveyor tas-socjeta' assikuratrici tal-esponenti qabel ma allegatament issewwew u b'hekk il-konvenut gab fuqu nnifsu impossibilita' illi jgib il-prova rikjesta mil-ligi tad-danni reklamati.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

L-incident sehh waqt li t-trakk misjuq mill-konvenut u l-karozza misjuqa mill-attrici kienu jsuqu fl-istess direzzjoni wara li kienu hargu minn fuq il-vapur t'Ghawdex, bil-konvenut isuq fuq ix-xellug u l-attrici fuq il-lemin.

Il-partijiet ma jaqblux dwar il-mod kif sehhet il-habta: l-attrici ssostni li l-habta sehhet tort tal-konvenut meta dan rass mal-gemb xellugi tal-vettura taghha; il-konvenut isostni li huwa kien wieqaf u li l-attrici dahlet go fih.

Fl-assenza ta' xhieda okulari, it-Tribunal ikollu jistrieh ghar-rikostruzzjoni tal-incident fuq ir-rapport u skizz tal-pulizija kif ukoll fuq ix-xorta, il-konfigurazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-hsarat sofferti miz-zewg vetturi.

Kif rapportat mill-pulizija, *a tempo vergine* l-konvenut qal *when I was going to swerve on to the right I heard the sound of a collision, and I stopped immediately my trailer.* (sottolinear tat-Tribunal). Dan il-kliem jindika li l-konvenut kien miexi, mhux wieqaf. Wiehed li jkun diga wieqaf ma jergax jieqaf. Jindika wkoll li l-konvenut ma kienx qieghed jara lill-attrici. Huwa nduna bl-incident ghax sema' l-hoss tal-habta. Dan juri li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *a proper look-out* specjalment tenut kont li trakk jipprezenta diffikulta' ikbar biex jinstaq fit-toroq taghna billi huwa wiehed li jinstaq fl-Ewropa kontinentali u allura huwa *left hand drive*. Kien ghalhekk iktar difficli min-normal li l-konvenut jilmah lill-attrici gejja minn fuq il-lemin tieghu.

Il-karozza tal-attrici garrbet hsara deskritta fir-rapport tal-pulizija bhala *slight. All left. Both mudguards doors side indicator and mirror.* Joe Buttigieg, li sewwa l-hsarat tal-vettura tal-attrici, specifika li l-hsara kienet migbura fuq il-bieba ta' wara tax-xellug u kompliet sejra ghan-naha tal-front left side bil-konsegwenza li l-bieba ta' quddiem u l-front left mudguard kellhom jinbidlu. Inkiser wkoll is-side repeater. Id-daqqa bdiet b'semplici sbrixx fuq in-naha ta' wara tal-gemb xellugi tal-vettura u iktar ma wiehed jimxi 'l quddiem il-hsara saret iktar accentwata. Il-hsara waqfet

mar-rota ta' quddiem tal-karozza u fuq in-naha ta' quddiem ma kien hemm l-ebda hsara. Fi kliem l-istess xhud, id-daqqa kienet tidher *stampata* fuq ir-rota ta' quddiem tal-vettura tal-attrici. Qal ukoll li jirrizultalu li l-vettura intlaqtet mill-gholi; l-impronta ma kinitx ta' zebgha imma ta' swied ta' tyre. Cioe' kienu tyre marks.

Dan juri li l-impatt sehh minn xi oggett li gie min-naha ta' wara tal-karozza tal-attrici u baqa' jissikka maghha sakemm waqaf mar-rota ta' quddiem taghha. Dan min-naha l-wahda jikkorrobora l-verzjoni tal-attrici u min-naha l-ohra jismentixxi dak li qal il-konvenut: skond il-verzjoni tal-konvenut, il-hsara fil-vettura tal-attrici kellha tkun minn quddiem nett sa wara, ghax jekk il-vettura tal-konvenut kienet stazzjonarja, u l-vettura tal-attrici dahlet go fiha, l-ewwel punt li jintlaqat kellu jkun in-naha ta' quddiem tal-gemb xellugi li fil-fatt baqa' bla mittiefes. Il-konvenut jipprova jispjega dan billi jghid li l-attrici dawret il-vettura taghha lejn ix-xellug, u allura fuq it-trakk, hekk kif din skorrietu bin-naha ta' quddiem tal-vettura taghha. Kieku kien hekk, il-front left tal-bumper tat-trakk kien jingibed il barra u mhux jitghattan 'il gewwa bi ftit, u l-hsara fil-vettura tal-attrici ma kinitx tibqa' sejra sa wara nett tal-gemb tal-vettura taghha.

Hemm imbaghad il-hsara fit-trakk. Ir-rota ta' quddiem tieghu turi (dok EF4) zewg marki paralleli ghal xulxin u gejjin ghat-tond – kompatibbli <u>ma rota qieghda ddur</u> u thokk ma' xi oggett iehor. Ghalhekk mhux minnu li l-konvenut kien <u>wieqaf</u> meta sehh l-incident. Il-marki fuq il-vettura tal-attrici juru li din intlaqtet mit-tyre kbir tat-trakk, u dan jispjega wkoll l-ghala t-trakk prattikament ma gratlu l-ebda hsara ghajr xi grif negligibbli.

Il-premess ma jhalli l-ebda dubbju li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan tieghu.

Il-quantum tad-danni sofferti mill-atturi jirrizulta sodisfacentement ippruvat;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut, jichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tieghu, jilqa’ t-talba attrici kontenuta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM453.62c ammont ta’ danni subiti mill-atturi kawza tal-istess incident, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25.03.2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------